# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 20**

**Citaz. numru: 2619/96 M1 NA**

**Carmen Privitera bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Daniel Privitera**

**vs**

**John Privitera, Patrick Falzon u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici nomine fis-26 ta' Awissu 1996 fejn ippremettiet:

"Illi kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness bhala Dokument "A" li jgib in-numru 2823 tas-sena korrenti, fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) twieled l-attur Daniel Privitera, f'liema certifikat

hemm dikjarat li missieru huwa John Privitera li hu r-ragel ta' ommu, Carmen Privitera;

Illi Carmen Privitera ilha *de facto* separata minn zewgha l-konvenut minn Jannar tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995);

Illi l-istess Carmen Privitera kellha relazzjoni mal-konvenut Patrick Falzon u l-attur twieled minn din ir-relazzjoni;

Illi t-tarbija qed tigi mrobbija bhala iben il-konvenut Patrick Falzon u ghalhekk m'ghandux pussess ta' stat konformi ma' l-att ta' twelid tieghu fuq imsemmi;

Illi Daniel Privitera huwa t-tifel naturali ta' Patrick Falzon;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-attur Daniel Privitera huwa iben naturali tal-konvenut Patrick Falzon u mhux iben John Privitera kif hemm dikjarat fic-certifikat tat-twelid tieghu hawn anness (Dokument "A");

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier it-tarbija billi jindika f'dawk il-paragrafi in sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom dak kollu li tordnalu din l-istess Qorti u cioe' billi: (a) fil-kolonna dwar isem u kunjom il-kliem "John Privitera" jigu sostitwiti bil-kliem "Patrick Falzon"; u (b) fil-kolonni dwar professjoni, eta', post ta' twelid u isem u kunjom tal-missier jigu sostitwiti l-konnotati opportuni relattivi ghall-istat ta' Patrick Falzon.

Bl-ispejjez - kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tas-16 ta' Mejju 1997 fejn eccepixxa:

1. "Illi huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-bidla li qieghdha tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jirrigwarda minuri u li jekk kemm-il darba tintlaqa' zgur ser tinfluwixxi fuq il-hajja futura ta' l-istess minuri, ghalhekk jinhieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti w ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni li ssemmi l-attrici fic-citazzjoni odjerna hija separazzjoni *de facto* u mhux *de iure*;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponent m'ghandux ibati spejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut John Privitera pprezenta n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata tieghu fit-8 ta' Lulju 1997 fejn ammetta ghat-talbiet attrici pero' sostna li ma kellux ibati spejjez tal-kawza.

Il-konvenut Patrick Falzon m'ghamilx Nota ta' l-Eccezzjonijiet pero' deher fis-seduta quddiem il-Qorti tal-11 ta' Novembru 1997 u ammetta t-talbiet attrici. F'din is-seduta l-Qorti

nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Mariella Gonzi biex tigbor il-provi.

Hija zammet diversi seduti li f'diversi minnhom ma sar xejn utili. L-attrici xehdet fis-seduta tat-13 ta' Marzu 1998 fejn wara li kkonfermat id-dikjarazzjoni guramentata taghha tghid illi meta twieldet it-tarbija in kwistjoni kienet ilha li telqet mid-dar konjugali sena u nofs. Hija mar-ragel ma kellhiex tfal u "*Meta tlaqt mid-dar ma kelli ebda kuntatti mar-ragel u bqajt ma kelli ebda kuntatti sal-gurnata tallum, hlief recentement fl-ahhar ta' Gunju, meta konna ghand in-Nutar ghall-bejgh tad-dar u xahar qabel ghal konvenju.*" Hija ghandha relazzjoni ma' Patrick Falzon li huwa missier it-tarbija. Ta' dan hija kienet zgur peress illi qatt ma kellha "*partners ohra hlief Patrick Falzon fit-terminu minn meta tlaqt mid-dar.*" Fil-mori ta' din il-kawza hija kellha tarbija ohra bl-isem ta' Chris li "*twieled fir-relazzjoni kostanti*" li kellha u ghad ghandha mal-konvenut Patrick Falzon. Dan il-konvenut jittratta l-minuri bhala t-tfal tieghu filwaqt illi l-konvenut zewgha qatt ma wera ebda nteress fl-istess tfal.

L-istess attrici b'rikors tad-9 ta' Gunju 1998 talbet illi c-Citazzjoni Numru 1051/98 li hija kawza simili minnha proposta

fir-rigward tal-minuri Chris tinstema' kontestwalment mal-kawza prezenti. Wara li gew notifikati l-konvenuti u fin-nuqqas ta' opposizzjoni l-Qorti laqghet din it-talba li ghaliha ssir riferenza fil-kawza Citazzjoni Numru 1051/98 li wkoll sejra tigi deciza llum.

Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1998 xehed missier l-attrici li kkonferma, sa fejn seta' jaf hu, dak li xehdet l-attrici, filwaqt illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1998 xehed in subizzjoni l-konvenut Patrick Falzon. Ighid illi l-attrici marret toqghod mieghu f'Jannar tal-1995 u ghadha toqghod mieghu dejjem taht l-istess saqaf. "*Hi qatt ma marret lura ghar-ragel taz-zwieg li kellha. Qatt ma ghamlet ebda kuntatt mieghu. Qatt ma talbitu manteniment, u hu qatt ma ra t-tfal.*" Wara li l-attrici kellha *miscarriage* minn din ir-relazzjoni huma kellhom zewgt itfal f'Gunju tal-1996 u f'Awissu tal-1997. Huwa dejjem ha hsieb it-tfal bhala li kienu tieghu filwaqt illi "*John Privitera ma ghamel ebda kuntatt biex jara t-tfal lanqas meta rcieva c-citazzjoni.*" Finalment fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2001 xehed il-konvenut John Privitera u huh Michael Privitera. Minkejja d-dikjarazzjoni tat-traskrittrici din ix-xhieda fil-maggior parti taghha mhijiex traskritta. Dana pero' ma ghandux ikun ta' xkiel ghal din il-Qorti milli tghaddi ghal-prolazzjoni tas-

sentenza sew minhabba x-xhieda l-ohra li, fil-fehma taghha, hija sufficjenti ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici, sew in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut Privitera, sew in vista ta' dak dikjarat mid-difensur tieghu quddiem l-Assistenta Gudizzjarja.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghti d-dritt lil kull min ikollu nteress, li zgur jinkludi lill-omm it-tarbija, biex jattakka l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg. Il-koncetti ta' "boghod" u "impossibbilita' fizika" msemmija f'dan l-Artikolu gew kostantement interpretati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi ricenti biex ikopru kwalunkwe kaz fejn, mill-provi, jirrizulta illi fiz-zmien imsemmi f'dan l-Artikolu ma kien hemm ebda kuntatt bejn il-konjugi li seta' wassal ghall-koncepiment tat-tarbija in kwistjoni. Din l-interpretazzjoni hija zgur dik korretta peress illi gie ritenut ukoll id-dritt tal-minuri li jkollu stat legali li huwa konformi ma' l-istat fattwali tal-paternita' tieghu.

F'dan il-kaz il-punti ta' dritt fuq enuncjati japplikaw ghal fatti tal-kaz prezenti mill-provi prodotti f'dak il-grad rikjest mil-ligi f'kawza civili minkejja illi, kif gustament isostni l-konvenut

Direttur tar-Registru Pubbliku, peress illi hawn si tratta tal-hajja futura ta' l-istess minuri l-Qorti ghandha tevalwa dawn il-provi b'mod pjuttost dettaljat. Il-Qorti pero' hija konvinta illi giet pruvata l-paternita' vera ta' l-istess minuri u li dan huwa finalment l-ahjar interess ta' l-istess minuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur Daniel Privitera huwa iben naturali tal-konvenut Patrick Falzon u mhux iben John Privitera kif hemm dikjarat fic-certifikat tat-twelid tieghu;

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier it-tarbija billi jindika f'dawn il-paragrafi in sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom billi: (a) fil-kolonna dwar isem u kunjom il-kliem "John Privitera" jigu sostitwiti bil-kliem "Patrick Falzon"; u (b) fil-kolonni dwar professjoni, eta', post ta' twelid u isem u kunjom tal-missier jigu sostitwiti l-konnotati opportuni relattivi ghall-istat ta' Patrick Falzon, liema konnotati jridu jinghataw lill-

konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku mill-attrici qabel ma ssir il-korrezzjoni opportuna.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom ikunu ssopportati biss ugwalment mill-attrici u mill-konvenut Patrick Falzon, peress illi l-konvenuti l-ohra ma ghandhomx ibatu ebda spejjes f'din il-kawza.

Finalment kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif stipulat mil-ligi.

Deputat Registratur

rf.